# KUMITAT AMMINISTRATTIV

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 19/KA1/12

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 30/01/'12 19**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 30/01/'12 21**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2012.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.00a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Membru Carmel Agius
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Mary Grace Scicluna

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen Richard Scicluna ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-26 ta' Jannar 2012. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sal-31 ta’ Diċembru 2011
4. Proġett Paceville
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 17/KA1/11 u 18/KA1/11 għall-approvazzjoni u pproponihom.

1.3.02 Il-Membru Mary Grace Scicluna ssekondatu.

1.3.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.04 Is-Sindku Peter Bonello wasal fl-10.30a.m.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P650 | Email mingħand it-Transport Malta rigward it-talba li saret sabiex titressaq il-Lay Bay li hemm fi Triq San Ġorġ faċċata tal-Wembley Garage. |
| P2 | Email mingħand is-Sur Jesmond Desira rigward it-twaħħil tal-billboard eletroniku. |
| P14 | Email mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali rigward it-talba li saret għal ixxiftjar taż-żebra crossing ħdejn il-Bus Stop fi Triq San Ġorġ faċċata tal-Wembley Garage. |
| P35&K82 | Ittri b’konessjoni ma’ Pendergardens rigward il-*Bus Shelters* ta’ Triq Sant’ Andrija. |
| P39 | Talba għar-*Residential Parking Sticker* mingħand is-Sur Jankovic Radosav. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P2

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Jesmond Desira rigward it-twaħħil tal-billboard elettroniku. Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha meħtieġa skont il-Bye-Laws.

2.03 Il-Membru Carmel Agius wasal fl-10.35a.m.

Rif. Nru. P39

2.04 Saret riferenza għall-ittra mingħand is-Sur Jankovic Radosav rigward talba għar-*Residential Parking Sticker.* Ġie deċiż unanimament li l-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess għal din l-*isticker*.

**3 Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2011**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2011 (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Iċ-Ċermen ippropona l-approvazzjoni tiegħu.

3.04 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

3.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**4 Proġett Paceville**

4.01 Il-Kumitat ġie notifikat li l-proġett ta' tisbiħ li ser isir fi Triq il-Knisja, Triq Dragonara u Triq Wilġa beda u qed isir mill-Gvern Ċentrali.

**5 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ġie deċiż unanimament li l-ikla li kellha issir fi żmien il-Milied ser issir nhar il-Ġimgħa 3 ta’ Frar 2012 fi-12.30p.m. is-San Guliano Restaurant f’San Giljan.

## 6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi ‘B’).

6.02 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 132 sa nru. 139 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara appendiċi ‘C’).

7.02 Il-Membru Joe Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 27 ta’ Frar 2012 fl-10.00a.m.

7.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-11.10a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**